Kwot. Nru. FTS Q 18-07. Provvista ta' materjal ta' l-elettriku *first fix* għan-naħa l-ġdida tal-Junior Lyceum tal-Bniet Santa Tereża, l-Imrieħel.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm2 (€4.66) ma' kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni wieħed jista' jarahom biss fuq il-*website* tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada: www.fts.com.mt.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, (Tel. Nru. 21387664, *Fax* Nru. 21387660) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u n-12.30 p.m.

Il-kwotazzjonijiet għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa tal-kwotazzjoni fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf lill-pubbliku ġenerali jista' jattendi matul il-ftuħ u l-iskedar tal-kwotazzjonijiet fil-ħin u d-data speċifikata hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-5 ta' Ottubru, 2007

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed quotations will be received up to 11.00 a.m. of Tuesday, 23rd October, 2007, for:-

Quot. No. FTS Q 18-07. Supply of first fix electrical material for the new area of St Theresa Girls' Junior Lyceum, Mrieħel.

A payment of Lm2 (€4.66) is to be effected on collection of the quotation document.

Quotation documents are available for review only on the Foundation for Tomorrow's Schools website: www.fts.com.mt.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, (Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660), on working days between 8.30 a.m. and 12.30 p.m.

Quotations must be deposited in the quotation box at the Foundation's offices.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of quotations at the time and date specified above.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

5th October, 2007

DIPARTIMENT GĦALL-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Id-Direttur, Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità, jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Novembru, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Xiri ta' *second hand diesel articulated tipping dumper* għar-Residenza San Vinċenz de Paule, Ħal Luqa.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet u dokumenti oħra relevanti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-5 ta' Ottubru, 2007

DEPARTMENT FOR THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

The Director, Department for the Elderly and Community Care, notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 2nd November, 2007, for:-

Supply and delivery of a second hand diesel articulated tipping dumper for St Vincent de Paule Residence, Luqa.

Offers should be made only on the prescribed forms, which together with the relative conditions and other documents are obtained on application at the Department for the Elderly and Community Care, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, St. Venera, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

5th October, 2007

TAQSIMA PROPRJETÀ TAL-GVERN

Id-Direttur Ġenerali tat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, l-1 ta' Novembru 2007, fl-uffiċċju tat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern, il-Berġa tal-Baviera, Valletta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. GPD-PSC02/2007. Provvista ta' *Paper Folding and Inserting System (PFIS)* għat-Taqsima Propjetà tal-Gvern.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 (€11.56) għal kull dokument ta' l-offerta. Ħlasijiet isiru b'ċekk jew *money order.*

Il-formoli ta' l-offerta u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern, il-Berġa tal-Baviera, Valletta, fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

Il-5 ta' Ottubru, 2007

GOVERNMENT PROPERTY DIVISION

The Director General, Government Property Division, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Government Property Division, Auberge de Baviere, Valletta up to 10.00 a.m. of Thursday, 1st November 2007, for:-

Advt. No. GPD-PSC02/2007. Supply of Paper Folding and Inserting System (PFIS) for the Government Property Division

A fee of Lm5 (€11.56) will be charged for each copy of tender document. Payments are to be made by cheque or money order.

Tender documents and further information may be obtained from the Government Property Division, Auberge de Baviere, Valletta, on any working day between 8.00 a.m. and noon.

5th October, 2007

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AND TRAINING SERVICES LTD

Iċ-*Chief Executive Officer* tal-MITTS Ltd, jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Novembru, 2007, fil-Kaxxa ta' l-Offerti li tinsab f'Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. M399/2007. Provvista ta' servizzi ta' manutenzjoni u *support* tas-sistema ta' arja kondizzjonata ta' MITTS Ltd.

L-offerti għandhom ikunu f'envelops magħluqa u mmarkati "Provvista ta' servizzi ta' manutenzjoni u *support* tas-sistema ta' arja kundizzjonata ta' MITTS Ltd. - M399/2007".

Kopja elettronika tad-dokument tista' titniżżel minn fuq is-sit tal-MITTS LTD, http://www.mitts.gov.mt mingħajr ħlas, waqt li kopja stampata ta' l-istess dokument tista' tinkiseb permezz ta' talba bl-*email* mibgħuta lil ssas@gov.mt fuq ħlas ta' Lm25 (€58.23).

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu minn fuq numru tat-telefon 25992581, jew email lil ssas@gov.mt

Il-ħlas huwa dovut meta jintefgħu l-offerti u jkun pagabbli lill-MITTS Ltd. Kull offerta li tintbagħat b'ċekk li ma jiġix onorat tiġi invalidata.

Il-5 ta' Ottubru, 2007

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AND TRAINING SERVICES LTD

The Chief Executive Officer of MITTS Ltd, notifies that:

Sealed tenders will be received in the tender box at Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, up to noon of Friday, 9th November, 2007, for:–

Advt. No. M399/07. Provision of maintenance and support of MITTS Ltd air-conditioning system.

Tenders should be in sealed envelopes and marked with "Provision of maintenance and support of MITTS Ltd air-conditioning system - M399/2007".

An electronic copy of the document can be downloaded free of charge from MITTS Ltd website http://www.mitts.gov.mt. A printed copy can be obtained through an email sent to ssas@gov.mt for a fee of Lm25 (€58.23).

Further information may be obtained from telephone number 25992581, or an email to ssas@gov.mt.

Payment for a submission must be effected when submitting the tender and must be payable to MITTS Ltd. A submission accompanied by a dishonoured cheque will invalidate the bid.

5th October, 2007

MINISTERU GĦALL-FAMILJA
U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali jgħarraf illi sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-16 ta' Ottubru, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment, li tinsab fis-Sular ta' Fuq (ħdejn Kamra 417) f'38, Triq l-Ordinanza, Valletta, għal:–

Avviż Nru. 11/2007. Provvista u konsenja ta' *bunk beds* u saqqijiet għall-Open Centre għar-Rifuġjati f'Ħal Far.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Finanzi, Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, 19, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta, matul il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju, wara li jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29).

Il-5 ta' Ottubru, 2007

MINISTRY FOR THE FAMILY
AND SOCIAL SOLIDARITY

The Director of Corporate Services within the Ministry for the Family and Social Solidarity notifies that sealed tender documents will be received in the Tender Box of the Department, situated at the Top Floor (near Room 417) at 38, Triq l-Ordinanza, Valletta, by 10.00 a.m. of Tuesday, 16th October, 2007, for:-

Advt. No. 11/2007. Supply and delivery of bunk beds and mattresses to Ħal Far Open Centre for Refugees.

Tender documents may be collected from the Finance Section, Department of Corporate Services, Ministry for the Family and Social Solidarity, 19, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta, during normal office hours, against a fee of Lm10 (€23.29).

5th October, 2007

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, il-5 ta' Novembru, 2007 fil-Kaxxa ta' l-Offerti Nru. 2 (Kulur Kannella) jintlaqgħu offerti magħluqin għall-provvista ta':-

Avviż Nru. MST 699/07. *Catheters suction size 6fg*.

Avviż Nru. MST 700/07. *Consumables for PCL Plus Act machines*.

Avviż Nru. MST 701/07. *Pulse oximeter probes - finger reusable*.

Avviż Nru. MST 702/07. Qtar ta' l-għajnejn *Chlorbutol and paradichlorobenzene*.

Avviż Nru. MST 703/07. Qtar ta' l-għajnejn *Pilocarpine hydrochloride 4%*.

Avviż Nru. MST 704/07. *Single use humidification chamber.*

Avviż Nru. MST 705/07. *Ultrasound probes for swiss lithoclast master.*

Avviż Nru. MST 706/07. *Parenteral fat emulsion LCT 20% x 500ml*.

Avviż Nru. MST 707/07. *Holmium laser single use lightguide probes*.

Avviż Nru. MST 708/07. *Resuscitators baby (neonatal)*

Avviż Nru. MST 709/07. *Polyurethane foam dressing*.

Avviż Nru. MST 710/07. *Alchohol swabs for cytotoxic reconstitution*.

Avviż Nru. MST 711/07. *Povidone-Iodine 7.5% surgical*

Avviż Nru. MST 712/07. *Amino acid with glucose solution x 500ml*.

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:

Sealed tenders will be received in the Tender Box No. 2 (Colour Brown) up to 10.00 a.m. on Monday, 5th November, 2007, for the supply of:-

Advt. No. MST 699/07. Catheters suction size 6fg.

Advt. No. MST 700/07. Consumables for PCL Plus Act machines.

Advt. No. MST 701/07. Pulse oximeter probes - finger reusable.

Advt. No. MST 702/07. Chlorbutol and paradichlorobenzene ear drops.

Advt. No. MST 703/07. Pilocarpine hydrochloride 4% eye drops.

Advt. No. MST 704/07. Single use humidification chamber.

Advt. No. MST 705/07. Ultrasound probes for swiss lithoclast master.

Advt. No. MST 706/07. Parenteral fat emulsion LCT 20% x 500ml.

Advt. No. MST 707/07. Holmium laser single use lightguide probes.

Advt. No. MST 708/07. Resuscitators baby (neonatal).

Advt. No. MST 709/07. Polyurethane foam dressing.

Advt. No. MST 710/07. Alchohol swabs for cytotoxic reconstitution.

Advt. No. MST 711/07. Povidone-Iodine 7.5% surgical.

Advt. No. MST 712/07. Amino acid with glucose solution x 500ml.

Avviż Nru. MST 713/07. *Charcoal cloth dressings - approx. size 20 - 25cms x 15 - 20cmx*

Avviż Nru. MST 714/07. *Polyurethane foam dressing.*

Avviż Nru. MST 715/07. *Polyurethane foam dressing.*

Avviż Nru. MST 716/07. *Accessories for Erbe APC 300*

Avviż Nru. MST 717/07. *Oral hygiene packs.*

Avviż Nru. MST 718/07. *Chlorpheniramine maleate BP 10mg injections.*

Avviż Nru. MST 719/07. *Ear probe for use with Biochem Monitor.*

Avviż Nru. MST 720/07. *Diphteria and tetanus vaccine - paediatric.*

Avviż Nru. MST 721/07. *Accessories for Propaq monitor*

Avviż Nru. MST 722/07. *Cleaning detergent.*

Avviż Nru. EXMST 181/07. *Haoloperidol 50mg injections.*

L-offerti kollha msemmija hawn fuq tal-*Medical Stores* jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.health.gov.mt/gps/mst.htm.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Pjazza San Luqa, Guardamangia, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-5 ta' Ottubru, 2007

Advt. No. MST 713/07. Charcoal cloth dressings - approx. size 20 - 25cms x 15 - 20cmx.

Advt. No. MST 714/07. Polyurethane foam dressing.

Advt. No. MST 715/07. Polyurethane foam dressing.

Advt. No. MST 716/07. Accessories for Erbe APC 300.

Advt. No. MST 717/07. Oral hygiene packs.

Advt. No. MST 718/07. Chlorpheniramine maleate BP 10mg injections.

Advt. No. MST 719/07. Ear probe for use with Biochem Monitor.

Advt. No. MST 720/07. Diphteria and tetanus vaccine - paediatric.

Advt. No. MST 721/07. Accessories for Propaq monitor

Advt. No. MST 722/07. Cleaning detergent.

Advt. No. EXMST 181/07. Haoloperidol 50mg injections.

All the above Medical Stores Tenders can be downloaded from http://www.health.gov.mt/gps/mst.htm.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services, Pjazza San Luqa, Guardamangia, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

5th October, 2007

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur, Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, il-25 ta' Ottubru, 2007, fil-Kaxxa l-Bajda fir-*reception area* tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. E0705. *Female catheter 16FG.*

Kwot. Nru. E0706. *Adult oxygen face masks.*

Kwot. Nru. E0707. *Balfour retractors.*

Kwot. Nru. E0708. *Pressure monitoring cables.*

Kwot. Nru. E0709. *Mckissocks dura scissors.*

Kwot. Nru. E0710. *Bowls lotion x 5 litres.*

Kwot. Nru. E0711. *Teals vulsellum.*

Kwot. Nru. E0712. *Spare sucker.*

Il-kwotazzjonijiet kollha msemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=241.

Aktar informazzjoni dwar il-kwantitajiet u kundizzjonijiet ta' dawn il-kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

Il-5 ta' Ottubru, 2007

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, notifies that:-

Sealed quotations are to be dropped in the White Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, up to 9.00 a.m. of Thursday, 25th October, 2007, for:-

Quot. No. E0705. Female catheter 16FG.

Quot. No. E0706. Adult oxygen face masks.

Quot. No. E0707. Balfour retractors.

Quot. No. E0708. Pressure monitoring cables.

Quot. No. E0709. Mckissocks dura scissors.

Quot. No. E0710. Bowls lotion x 5 litres.

Quot. No. E0711. Teals vulsellum.

Quot. No. E0712. Spare sucker.

All quotations listed above can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=241.

Further information regarding the quantities and conditions of these quotations may be obtained from the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, between 8.00 a.m. and noon.

5th October, 2007

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Ottubru, 2007 fil-Kaxxa Ħadra fir-*reception area* tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. PFI Nru. 2945. *Silk G4/0 16mm Rb.*

Kwot. PFI Nru. 2946. *Accessories for Calcutript electrohydraulic.*

Kwot. PFI Nru. 2947. *D-Bakey castenada.*

Kwot. PFI Nru. 2948. *Proguanil hydrochloride 100mg, scored tablets.*

Kwot. PFI Nru. 2949. *Paracetamol 10mg/ml intravenous infusion.*

Il-PFI's imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-5 ta' Ottubru, 2007

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:-

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 9.00 a.m. of Tuesday, 9th October, 2007, for:-

Quot. PFI No. 2945. Silk G4/0 16mm Rb.

Quot. PFI No. 2946. Accessories for Calcutript electrohydraulic.

Quot. PFI No. 2947. D-Bakey castenada.

Quot. PFI No. 2948. Proguanil hydrochloride 100mg, scored tablets.

Quot. PFI No. 2949. Paracetamol 10mg/ml intravenous infusion.

All the above PFI's can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

5th October, 2007

DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA

Id-Direttur Ġenerali (Saħħa) jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, it-30 ta' Ottubru, 2007, fil-kaxxa ta' l-offerti jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. MCH 176/2007. Provvista ta' tagħmir tal-*catering* ta' l-i*stainless steel* għall-*canteen* ta' l-Isptar Monte Karmeli.

Il-formoli ta' l-offerta u aktar tagħrif dwar il-kundizzjonijiet ta' din l-offerta jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts,* Sptar Monte Karmeli, Triq Notabile, Ħ'Attard, mit-Tlieta, id-9 ta' Ottubru 2007, mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

Qabel jingħabru d-dokumenti ta' l-offerta, l-offerenti għandhom iħallsu dritt ta' Lm10 (€23.29) lid-Direttur ta' l-Uffiċċju Finanzi u Amministrazzjoni, Sptar Monte Karmeli, Triq Notabile, Ħ'Attard.

Il-5 ta' Ottubru, 2007

DEPARTMENT OF HEALTH

The Director General (Health) notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box up to noon of Tuesday, 30th October, 2007, for:-

Advt. No. MCH 176/2007. Supply of stainless steel catering equipment for the canteen at Mount Carmel Hospital.

Forms of tender and further information regarding the conditions of this tender may be obtained from the Accounts Section, Mount Carmel Hospital, Triq Notabile, Attard from Tuesday, 9th October 2007, from 8.00 a.m. to noon.

Before collecting the tender documents, prospective tenderers are to pay a fee of Lm10 (€23.29) at the Director of Finance and Administration Office, Mount Carmel Hospital, Triq Notabile, Attard.

5th October, 2007

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Ottubru, 2007, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. 22/2007. Sistema ta' *fire alarm*.

Il-kwotazzjonijiet għandhom isiru fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra, jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mill-uffiċċju tas-Segretarja fi Blokk Ċ fil-*Junior Lyceum* tal-Bniet Maria Regina, Triq Mountbatten, Blata l-Bajda, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-kwotazzjonijiet għandhom ikunu magħluqa f'envelop indirizzat minn qabel u mitfugħa fil-Kaxxa tal-Kwotazzjonijiet, li tinsab fl-uffiċċju tas-Segretarja fi Blokk Ċ, *Junior Lyceum* tal-Bniet Maria Regina, Triq Mountbatten, Blata l-Bajda.

Il-5 ta' Ottubru, 2007

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, it-22 ta' Ottubru, 2007, jintlaqgħu sottomissjonijiet magħluqin għal:

Espressjoni ta' Interess biex jiġu provduti servizzi psikoloġiċi fid-Direttorat għal Servizzi fl-Edukazzjoni.

Psikologi kwalifikati u b'esperjenza huma mitluba jissottomettu proposta għal servizzi psikoloġiċi fid-Direttorat għal Servizzi fl-Edukazzjoni.

Is-servizzi li mistennija jiġu pprovduti huma:

1. *Casework* għal tfal u żgħażagħ minn età ta' qabel l-iskola sa meta jkunu fi stadju post sekondarju;
2. Jipprovdu sapport, skond kif jiddelegawlhom ix-xogħol, jidentifikaw u jimmonitorjaw tfal u studenti bi bżonnijiet speċjali fl-edukazzjoni;
3. Regolarment jagħtu pariri lill-istaff li jgħallem dwar programmi edukattivi meħtieġa biex jieħdu ħsieb il-bżonnijiet speċjali tat-tfal u l-istudenti;
4. Jikkordinaw mal-ġenituri, staff ta' l-iskola u aġenziji oħra sew fid-Direttorat tas-Servizzi Edukattivi kif ukoll fid-Direttorat għall-Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni u ma' aġenziji esterni kif meħtieġ;
5. Jagħtu kontribut għall-iżvilupp ta' l-iskola u taħriġ *in-service*;
6. Joffru pariri u taħriġ lill-ġenituri u nies professjonali li jkunu qed jaħdmu mat-tfal u żgħażagħ;
7. Jagħtu kontribut għall-iżvilupp jew organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet li jaħdmu fil-*welfare* tat-tfal;

EDUCATION DIVISION

The Director of Education notifies that:-

Sealed quotations will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 26th October, 2007, for:-

Quot. No. 22/2007. Fire alarm system.

Quotations should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Secretary's office in Block C at Maria Regina Girls' Junior Lyceum, Triq Mountbatten, Blata l-Bajda, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Quotations should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Quotation Box, located in Block C at Maria Regina Girls' Junior Lyceum, Triq Mountbatten, Blata l-Bajda.

5th October, 2007

EDUCATION DIVISION

The Director of Education notifies that sealed submissions will be received up to 10.00 a.m. of Monday, 22nd October, 2007, for:

Expression of Interest for the provision of psychological services in the Directorate for Educational Services.

Qualified and experienced psychologists are invited to submit a proposal for the provision of psychologist services in the Directorate for Educational Services.

These services which are expected to be provided are:

1. Casework with children and young people from pre-school to post-secondary age;
2. Provide support, in terms of assessment, identification and monitoring of children and students with special educational needs;
3. Regularly advise teaching staff on educational programmes needed to cater for the child and student's special educational needs;
4. Liaise with parents, school staff and other agencies both within the Directorate of Educational services and the Directorate for Quality and Standards in Education and also with external agencies as appropriate;
5. Contribute to school development and in service training;
6. Offer advice and training to parents and professionals working with children and young people;
7. Contribute towards the development of organisations and institutions concerned with children's welfare;

8. Jiggwidaw, iħarrġu u jissorveljaw *trainees* konnessi mas-servizz kif meħtieġ.

Il-proposti għandhom jindikaw lid-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi b'mod ċar ir-rata fis-siegħa, bil-VAT, li tkun trid titħallas għal dawn is-servizzi.

Il-kwotazzjonijiet magħluqin għandhom jintefgħu fil-kaxxa ta' l-offerti ħdejn l-Uffiċċju Nru. 130 tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni (Is-Sular Terran), il-Furjana.

Il-5 ta' Ottubru, 2007

KUMMISSJONI NAZZJONALI
GĦALL-EDUKAZZJONI OGĦLA

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv jgħarraf illi:

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Ottubru, 2007, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Kwot. Nru. Q01-07. Xiri ta' għamara għall-*boardroom* għall-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla, il-Belt Valletta.

Il-kwotazzjonijiet għandhom isiru fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra, jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla, l-Università l-Qadima, Triq San Pawl, Valletta VLT 1216 f'kull ġurnata tax-xogħol bejn id-9.00 a.m. u l-5.00 p.m.

Il-kwotazzjonijiet għandhom ikunu magħluqa f'envelop indirizzat minn qabel u mitfugħa fil-Kaxxa tal-Kwotazzjonijiet għand il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla tgħarraf illi partijiet interessati jistgħu jattendu u jaraw il-ftuħ u l-iskedar tal-kwotazzjonijiet fid-data u l-ħin stipulati.

Il-5 ta' Ottubru, 2007

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Ir-Rettur jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, il-31 ta' Ottubru 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. UM/1240. Xogħlijiet ġenerali ta' kostruzzjoni u finituri f'diversi lokazzjonijiet fl-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5.25 (€12.23) inkluża l-VAT għal kull dokument ta' l-offerta.

8. Provide guidance, training and supervision to trainees attached to the service as necessary.

Proposals should indicate clearly the rate per hour, inclusive of VAT, which is to be charged to the Directorate for Educational Services for such services.

Sealed submissions shall be deposited in the tender box near Office No. 130 of the Education Division (Ground Floor), Floriana.

5th October, 2007

NATIONAL COMMISSION FOR
HIGHER EDUCATION

The Chief Executive Officer notifies that:

Sealed Quotations will be received up to 11.00 a.m. on Friday, 19th October, 2007, for:

Quot. No: Q01-07. Supply of boardroom furniture for the National Commission for Higher Education, Valletta

Quotations should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the National Commission for Higher Education, Old University Building, Triq San Pawl, Valletta VLT 1216 on any working day between 9.00 a.m. and 5.00 p.m.

Quotations should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Quotation Box, located at the National Commission for Higher Education.

The National Commission for Higher Education notifies that interested parties may attend and witness the opening and scheduling of quotations on the appointed date and time.

5th October, 2007

UNIVERSITY OF MALTA

The Rector notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 31st October, 2007 for:-

Advt. No. UM/1240. General building works and finishes at various locations at the University of Malta.

A document fee of Lm5.25 (€12.23) inclusive of VAT should be paid.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Purchasing* u *Supplies,* id-Dipartiment tal-Finanzi, l-Università ta' Malta, l-Imsida, (Kamra 317, Bini ta' l-Amministrazzjoni) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Il-ħlas għandu jsir fil-*Cash Office,* Bini ta' l-Amministrazzjoni, matul l-istess ħinijiet.

Il-pubbliku jista' jattendi matul il-ftuħ u l-għoti ta' l-offerti nhar l-Erbgħa, il-31 ta' Ottubru, 2007, fl-10.15 a.m. f'Kamra 300A, Bini ta' l-Amministrazzjoni, l-Università ta' Malta, l-Imsida.

Il-5 ta' Ottubru, 2007

Tenders should be made only on the prescribed form, which together with the relative conditions and other documents may be obtained from the Purchasing and Supplies Section, Finance Department, University of Malta, Msida, (Room 317, Administration Building) on any working day between 8.30 a.m. and noon. Payment should be effected at the Cash Office, Administration Building, during the same times.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders on Wednesday, 31st October, 2007 at 10.15 a.m. in Room 300A, Administration Block, University of Malta, Msida.

5th October, 2007

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI

L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni tgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Ottubru, 2007, fl-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, ix-Xatt ta' Pinto, Valletta, jintlaqgħu offerti għall-provvista ta' *Radio Analyser* għal *2G* u *3G Technologies*.

Kopja ta' l-offerta tista' titniżżel minn fuq il-*website* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni:- www.mca.org.mt.

Il-5 ta' Ottubru, 2007

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

The Malta Communications Authority notifies that:-

Tenders will be received up to noon of Tuesday, 16th October, 2007, at the Malta Communications Authority, Pinto Wharf, Valletta for the supply of Radio Analyser for 2G and 3G Technologies.

Copies of tender can be downloaded from the Malta Communications Authority website at:- www.mca.org.mt

5th October, 2007

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Il-Kunsill tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex jgħarraf illi:

Sas-2.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Ottubru, 2007, fil-kaxxa ta' l-offerti indirizzati lit-Taqsima tal-Kultura, Għawdex, fl-Uffiċċju tat-Teżor (Taqsima ta' l-*Accounts*), Ministeru għal Għawdex, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:

Armar u Tiżjin ta' Dawl Dekorattiv għall-Milied 2007

Il-formoli ta' l-offerta u aktar tagħrif u speċifikazzjonijiet oħra jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kultura, Pjazza Indipendenza, ir-Rabat, Għawdex, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Il-5 ta' Ottubru, 2007

MINISTRY FOR GOZO

The Cultural Council within the Ministry for Gozo notifies that:-

Sealed tenders are being accepted and should be deposited in the tender box and addressed to the Culture Section at the Treasury Section (Accounts Section), Ministry for Gozo, St. Francis Square, Victoria by not later than 2.00 p.m. of Friday, 19th October, 2007, for:

Decorative Lights for Christmas 2007

Tender forms and further information and other specifications may be obtained from the Culture Section, Independence Square, Victoria, Gozo during normal office hours.

5th October, 2007

KUNSILL LOKALI DINGLI

Il-Kunsill Lokali Dingli jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, id-29 ta' Ottubru 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. DLC 02/2007. Espressjoni ta' interess - *Interpretative Centre* f'Ħad-Dingli.

Id-dokumenti relattivi jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, Ċentru tal-Komunità, Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli (Numru tat-Telefon: 21456060) bejn it-8.00 a.m. u l-11.00 a.m. fuq ħlas ta' Lm25 (€58.23) għal kull kopja.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kwalunkwe jew kull offerta.

Il-5 ta' Ottubru, 2007

DINGLI LOCAL COUNCIL

The Dingli Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Monday, 29th October 2007, for:-

Advt. No. DLC 02/2007. Expression of interest - Interpretative Centre at Dingli.

Relative documents can be obtained from the Local Council's Office, Ċentru tal-Komunità, Daħla tas-Sienja, Dingli (Telephone Number: 21456060) between 8.00 a.m. and 11.00 a.m. at a fee of Lm25 (€58.23) for each copy.

The Council reserves the right to refuse any or all tender.

5th October, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1362

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta'digriet mogħti fl-14 ta' Ġunju 2007, fl-atti tar-Rikors Numru 1064/06 JRM, fl-ismijiet Maurice Micallef Eynaud et vs Edward Cassar Torregiani, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Edward Cassar Torregiani, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Maurice u Lilian konjuġi Micallef Eynaud u binhom Michael Micallef Eynaud, karta ta' identità numru rispettivament 437622(M) u 170223(M), fis-27 ta' Novembru 2006, ir-rikorrenti talbu lil din Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara lill-intimat responsabbli ta' spoll privileġġjat kif espost fir-rikors;

2. Tikkundanna lill-intimat sabiex, fi żmien qasir u perentorju u okkorrendo taħt id-direzzjoni ta' periti nominandi, jirreintegra lir-rikorrenti fil-pussess tal-proprjetà minnhom posseduta fl-istat pristinu tagħha u fl-għamla li kienet din il-proprjetà qabel ir-rikorrenti ġew spoljati minnha;

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex a spejjeż ta' l-intimat tirripristina l-proprjetà għall-istat oriġinali tagħha taħt id-direzzjoni ta' periti nominandi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

Lista ta' xhieda.
Intimat: 39, Villa Marina,

It is hereby notified that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 14th June 2007, in the records of the Application Number 1064/06 JRM, in the names Maurice Micallef Eynaud et vs Edward Cassar Torregiani, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Edward Cassar Torregiani, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names Maurice and Lilian spouses Micallef Eynaud and their son Michael Micallef Eynaud, identity card number 437622(M) and 170223(M) respectively, on the 27th November 2006, the applicants asked this Honourable Court;

1. To declare the respondent guilty of molestation as described in the application;

2. To condemn the respondent so that within a short and peremptory period and if necessary under the direction of architects to be appointed, reintegrate the applicant in the possession of the property possessed by them in its original state and in the form in which this property was before the applicants were despoiled of it;

3. Failing which to authorize the applicants so that at the expense of the respondent to restore the property to its original state under the direction of architects to be appointed.

With costs against the respondent.

List of Witnesses.
Respondents: 39, Villa Marina,

Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex,
Ta' Xbiex.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Ottubru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Ta' Xbiex Seafront,
Ta' Xbiex.

Registry of the Superior Courts, today 1st October 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1363

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-19 ta' Ġunju 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fit-12 ta' April 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil John Tabone (ID315366M) u Dorothy Tabone (ID348473M) ta' 37, Shanisha, Triq il-Qalb Imqaddsa, Birkirkara, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u wieħed u ħamsin lira Maltija u tlieta u disgħin ċenteżmu Lm151.93 (€353.90) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (330/07PBC) hija differita għas-17 ta' Ottubru 2007 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 1 ta' Ottubru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 19th June 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 12th April 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn John Tabone (ID315366M) and Dorothy Tabone (ID348473M) of 37, Shanisha, Triq il-Qalb Imqaddsa, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and fifty one Maltese liri and ninty three cents Lm151.93 (€353.90) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 330/07PBC) is put off on the 17th October 2007 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 1st October 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1364

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tal-Konsumaturi, ta' l-14 ta' Settembru 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Joe Schembri ta' 19, Kotlint, Triq l-Imsaġar, Attard, ippreżenta Talba fis-7 ta' Awissu 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Dimbros Ltd – Ultimate Vision ta' No. 4, Dun S. Ciappara Street, Żebbuġ, sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' mitt lira Maltija Lm100 (€232.94) liema ammont huwa dovut lill-attur.

Il-kawża (CCT 179/07) hija differita għat-18 ta' Ottubru 2007 fis-1.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 1 ta' Ottubru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Consumer Claims Tribunal of 14th Settembru 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Joe Schembri of 19, Kotlint, Triq l-Imsaġar, Attard, filed a Claim on the 7th August 2007 whereby he asked the Tribunal to condemn Dimbros Ltd – Ultimate Vision of No. 4, Dun S. Ciappara Street, Żebbuġ, to pay the plaintiff the sum of one hundred Maltese liri Lm100 (€232.94) which amount is due to the plaintiff.

The case (CCT Number 179/07) is put off on the 18th October 2007 at 1.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 1st October 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1365

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-13 ta' Lulju 2007 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc
vs
Carmen Frendo (22443M)

Is-soċjetà kummerċjali Maltacom p.l.c. (C22334) ippreżentat rikors fit-8 ta' Mejju 2007 fejn talbet illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi (Avv. Nru. 1526/01PM) li ġiet deċiża mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fis-27 ta' Frar 2002, il-konvenuta ġiet ikkundannata tħallas is-somma ta' elf mija u żewġ liri Maltin u sbatax-il ċenteżmu Lm1,102.17 (€2,567.37) in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21689834;

Illi mill-imsemmija somma l-konvenuta ma ħallset xejn, u b'hekk l-ammont dovut huwa tas-sorte indikat oltre mija u ħdax-il lira Maltija Lm111 (€258.56) spejjeż u drittijiet professjonali skond taxxa annessa immarkata Dokument A kif ukoll erba' mija u ħamsa u ħamsin lira Maltija u sitta u ħamsin ċenteżmu Lm455.56 (€1,061.17) imgħax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mis-27 ta' Frar 2002 sas-27 ta' Frar 2007, u għalhekk l-ammont dovut huwa ta' elf ħames mija u disgħa u tmenin lira Maltija u tlieta u għoxrin ċenteżmu Lm1,589.23 (€3,701.91) salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-soċjetà esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel riferenza għall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet indikati.

Rikorrenti: Spencer Hill, il-Marsa
Intimat: Carmen Frendo, 5, Triq il-Warda, iż-Żurrieq.

Fil-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta
Maġistrat: Dott. Michael Mallia

Il-Qorti,

Rat ir-rikors, Tordna notifika lill-kontroparti b'għaxart (10) ijiem żmien għar-risposta.

Illum 9 ta' Mejju 2007.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 1 ta' Ottubru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Courts of Magistrates (Malta), of 13th July 2007, the publication of the following application which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc
vs
Carmen Frendo (22443M)

The commercial company Maltacom p.l.c (C22334) presented an application on the 8th May 2007 whereby it asked that the claim in the names above mentioned (Not.No. 1526/01PM) decided by the Small Claims Tribunal on the 27th February 2002, the defendant was ordered to pay the sum of one thousand one hundred and two Maltese liri and seventeen cents Lm1,102.17 (€2,567.37) in connection with telephone service number 2168983.

From the said sum the defendant has not paid anything, so the amount due is that of the amount indicated and also one hundred and eleven Maltese liri Lm111 (€258.56) expenses and professional fees as indicated in the annexed bill of cost marked Document A and also four hundred and fifty five Maltese liri and fifty six cents Lm455.56 (€1,061.17) interest calculated at eight percent (8%) per year from the 27th February 2002 till the 27th February 2007, and so the amount due is one thousand five hundred and eighty nine Maltese liri and twenty three cents Lm1,589.23 (€3,701.91) saving any further interest till the effective payment.

From the date of the sentence more than five (5) years have passed and the applicant has an interest to proceed by means of the opportune warrants to gather the amount due to it.

Thus the applicant, whilst reference is made to article 258 et sequitur of the of the Code of Civil Procedure and Orginasation (Cap. 12) of the Laws of Malta, prays with respect to this Honorable Court that they be authorized to proceed with the opportune warrants to execute the judgement in the names above mentioned.

Plaintiff: Spencer Hill, Marsa.
Defendant: Carmen Frendo: 5, Triq il-Warda, Żurrieq.

In the Court of Magistrates Malta
Magistrate: Dr Michael Mallia

The Court,

Saw the application, Orders that the debtor be notified and he has to file a reply within ten (10) days.

Today 9th May 2007.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 1st October 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civili Courts and Tribunals

1366

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tat-13 ta' April, 2005, mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-23 ta' Awissu, 2007 fuq rikors ta' Johan Zammit et ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 27 ta' Novembru, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-13 ta' April, 2005 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-propjetà hawn taħt deskritta.

(i) Il-garaxxijiet fil-livell semi-basement, immarkati bl-ittri "A", "B", "Ċ", "D", "E" u "F" fil-pjanta tal-perit hawn taħt imsemmi u infilzata fil-proċess ta' l-istess subbasta numru 31/05, sottostanti għall-blokk ta' appartamenti u maisonettes, magħrufa bħala "Pico Ruivo", fi Triq Għeriexem, ir-Rabat. Il-garaxx immarkat bl-ittra "A" huwa stmat li jiswa Lm7,000 (€16,305.61) filwaqt illi l-garaxxijiet immarkati bl-ittri "B", "Ċ", "D", "E" u "F" huma stmati li jiswew Lm6,000 (€13,976.24) il-wieħed.

(ii) L-arja sovrastanti għall-korp ta' bini konsistenti minn semi-basement garages, sitt appartamenti u tliet maisonettes, liema korp imiss mat-Tramuntana ma' Triq Għeriexem Rabat, hija stmata li tiswa Lm90,000 (€209,643.61).

L-imsemmija fondi huwa proprjetà ta' Saint Albans Company Limited.

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill-AIC Valerio Schembri fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-15 ta' Mejju 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Ottubru, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree given on the 13th April, 2005 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187 subsection 3 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter12).

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 23rd August, 2007 on the application of Johan Zammit et, Tuesday 27th November, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 13th April 2005 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

(i) Garages on semi-basement level, marked with the letters "A", "B", "C", "D", "E" and "F" on the site plan of the under mentioned architect and filed in the process of the Judicial Sale by Auction number 31/05, underlying a block of apartments and maisonettes known as "Pico Ruivo", in Għeriexem Street, Rabat. The garage marked with the letter "A" is valued at Lm7,000 (€16,305.61), while the garages marked with letters B", "C", "D", "E" and "F" are valued at Lm6,000 (€13,976.24) each.

(ii) The overlying air space to the building complex consisting of semi-basement garages, six apartments and three maisonettes, which complex stands from the North with Għeriexem Street, Rabat, valued at Lm90,000 (€209,643,61).

The said tenement is the property of Saint Albans Company Limited.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Valerio Schembri on 15th May 2007.

Registry of the Superior Courts, this 2nd October, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1367

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Awissu 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 904/06 AF fl-ismijiet Carabott Angelo vs Mifsud Saviour pro et noe et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Ċitazz. Numru: 904/06 AF

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 20th August 2007, in the records of the Writ of Summon Number 904/06 AF, in the names Carabott Angelo vs Mifsud Saviour pro et noe et, ordered the following publication for the purpose of service, of the respondents, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Writ of Summons Number: 904/06 AF

Diff: 24/05/2007

Angelo Carabott
Vs
Saviour Mifsud pro et noe et.

Rikors ta' Angelo Carabott:

Jesponi bir-rispett:

Illi l-esponenti innotifika lill-intimati pro et noe et bl-atti tar-rikors ossija ċitazzjoni nhar it-23 ta' Ottubru, 2006.

Illi l-intimati ppreżentaw r-risposta tagħhom nhar is-17 ta' Novembru 2006.

